KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 30

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

Il-Ħamis 14 ta' Marzu, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Dean Hili – Sindku Pembroke
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara

ASSENTI

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

30.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta’ apoloġija mingħand is-Sindku ta’ Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, is-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, is-Sindku ta’ tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sabiex jinfurmawna li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa.

30.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta’ apoloġija.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 29 li nżammet nhar it-Tnejn 19 ta’ Frar 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

30.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi Sindku ta’ l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo.

## 30.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa*

30.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar l-laqgħa li kienet għadha kif inżammet ftit minuti qabel din il-laqgħa tar-Reġjun li kienet ġiet imsejħa b’urġenza mid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali, is-Sur Emil Vassallo, dwar il-pożizzjoni finanzjarja relatata mal-ġbir ta’ l-iskart domestiku.

30.3.2 Il-President spjega kif dawn qed jinġabru mill-kolletturi u jiġu mħalsa mir-Reġjun pero għad ma hemmx ftehim bejn ir-Reġjuni u l-PROs dwar kif ser isir ir-rimborz ta’ din l-ispiża.

30.3.3 Is-Sur Chircop spjega kif jidher li resqin lejn ftehim fuq il-ħlas u l-kundizzjonijiet, kif ukoll dwar il-ġabra addizzjonali li qed issir mal-kummerċjal.

30.3.4 *19:59 pm - Is-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenn ieħor.*

30.3.5 Is-Sindku ta’ Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, staqsa jekk kienx hemm indikazzjoni meta dan il-kuntratt ser jiġi ffirmat.

30.3.6 Is-Sur Chircop spjega kif skond din il-laqgħa r-Reġjun għandu jistenna kopja ta’ dan il-kuntratt sabiex, jekk ikun approvat mir-Reġjun, dan jiġi ffirmat.

30.3.7 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif il-President ta’ l-AKL qed jinsisti li jkun hemm insistenza mal-Ministeru tal-Finanzi sabiex dan ir-rimborż isir mill-aktar fis possibbli inkella ma jkunx aktar sostennibli li jibqa jingħata dan is-servizz mingħajr ma dan jiġi rifondut.

30.3.8 Dwar il-ġabra taċ-ċimiterji, is-Sur Chircop spjega kif dan ser jibda jkun rifondut lura mingħand Wasterserv u mhux ser ikun piż finanzjarju fuq il-Kunsilli Lokali kkonċernati.

30.3.9 Is-Sur Anthony Dalli u s-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, staqsew jekk il-ħlas li sar sissa matul Ġunju 2023 sa Mejju 2024 hux ser ikun rifondut lura lil dawn il-Kunsilli Lokali kkonċernati.

30.3.10 Is-Sur Chircop spjega li din ġiet mistoqsija lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u għadna qed nistennew risposta dwar dan.

30.3.11 Is-Sur Chircop spjega wkoll fuq il-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun fejn, kif kien ġie spjegat f'laqgħat preċedenti, ir-riserva li kellu dan ir-Reġjun kienet ġiet użata kollha fis-sena preċedenti u l-ispejjeż li saru minħabba l-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart u minħabba l-kontijiet pendenti li għadhom iridu jinġabru mill-PROs,

30.3.12 Hu jħoss li jaf ikun hemm il-possibilità li jkun hemm fondi li jiġu mqassama aktar tard matul din is-sena ġaladarba l-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun terġa tkun stabbli.

30.3.13 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri fejn kulħadd enfasiżża li l-ħlas marbut mas-servizz ta' l-iskart għandu jsir b'mod immedjat u regolari.

- ***Studju - Social Impact Assessment***

30.3.14 Il-President informa lill-membri kif dan l-istudju ġie konkluż u ser ikun qed jiġi ppreżentat f'seminar li ser ikun qed jinżamm nhar it-Tnejn 8 ta April 2024 ġewwa The Imperial, tas-Sliema.

30.3.15 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jgħamlu mezz u jkunu preżenti.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

30.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 30.6 Rapporti

30.6.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri kif ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 30.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- ***Uffiċjali Reġjonali***

30.7.1 Il-President informa kif is-Sur Hamberger beda l-impjieg tiegħu nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu 2024 u ħeġġeġ lill-membri sabiex jieħdu ħsieb jiltaqgħu miegħu.

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

30.7.2 Il-President informa lill-membri kif is-Sa Cardona għadha qed tistenna l-proċess tad-*detailing* jiġi konkluż sabiex tibda l-impjieg tagħha ma' dan ir-Reġjun. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Clerk/ Kaxxier fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

30.7.3 Il-President informa lill-membri kif il-persuna magħżula għal din il-pożizzjoni maċċettatx u għal din ir-raġuni Jobsplus kienu nfurmati dwar dan.

30.7.4 Is-Sur Chircop qal kif nhar il-Ġimgħa 8 ta' Marzu 2024 ġiet ippublikata din is-sejħa esterna kif ukoll ngħatajna l-aħħar lista ta' applikanti eleġibbli taħt Part 3. Din is-sejħa tagħlaq nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu u l-bord ser ikun qed jiltaqà sabiex isiru l-intervisti.

## 30.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Kwotazzjonijiet*

30.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex isir filmat qasir fuq il-mezzi soċjali biex ikun hemm aktar għarfien dwar il-proġett li hemm għaddej għal perjodu ta' ħames snin fejn dawk ir-residenti 'l fuq minn sittin sena fir-Reġjun Lvant għandhom l-opportunità li jmorru l-pixxina sħuna ta' Neptunes bejn Ottubru u Mejju.

30.8.2 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn Reel8.

30.8.3 Il-President ressaq kwotazzjoni mingħand il-mastrudaxxa Renni Scicluna sabiex tiżdied struttura oħra għall-iskart organiku mal-istruttura eżistenti tas-separazzjoni ta' l-iskart sabiex in-nies ikollhom ukoll l-għażla li jarmu l-ikel fl-iskart organiku.

30.8.4 Il-membri approvaw il-kwotazzjoni mressqa tas-Sur Scicluna ta' €1,100(Vat inkluż).

- *Proġett – 'Starter Pack' ġewwa l-iskejjel*

30.8.5 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-proġett li nżamm matul dawn l-aħħar sentejn fejn tfal fl-ewwel sena tal-primarja kienu qed jingħataw *pencil case* u għarfien dwar liema prodotti għandhom jużaw għall-iskola.

30.8.6 Il-membri preżenti qablu li dan il-proġett għandu jerġa jsir u għal din ir-raġuni s-Sur Zammit ser ikun qed jaħdem fuq dan il-proġett.

30.8.7 Kien hemm diskussjoni qasira dwar il-proġetti li qed isiru mir-Reġjun u kien hemm qbil sabiex għal Ottubru li ġej, il-Maniġer tal-Kultura, is-Sur James Hamberger, idur l-iskejjel sabiex jgħati spjegazzjoni fuq ir-Regional Treasure Hunt.

30.8.8 Is-Sur Chircop irringrazzja lil dawk is-Sindki u rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali li kienu attendew fl-iskejjel waqt dawn il-preżentazzjonijiet u ħeġġeġ lill-membri sabiex jaraw li jkun hemm rappreżentazzjoni minn kull Kunsill Lokali.

- *European Week of Regions and Cities 2024*

30.8.9 B'referenza għal din iż-żjarja ġewwa Brussel f'Ottubru 2024, il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun għadu ma rċeviex komunikazzjoni uffiċċjali pero staqsa lill-membri jekk dan ir-Reġjun għandhux jgħati opportunità lil żewġ Sindki/ rappreżentanti u Segretarju Eżekuttiv fi ħdan ir-Reġjun, kif kien ġara fis-sena preċendenti.

30.8.10 Il-President informa lill-membri li r-Reġjun huwa lest li jieħu ħsieb il-ħlas tal-biljetti ta' l-ajru ta' dawn it-tliet persuni pero s-*subsistance allowance* għandha tiġi mħalsa mill-Kunsill Lokali rispettiv u t-tliet rappreżentanti għandhom ikunu minn tliet Kunsilli Lokali differenti.

30.8.11 Il-membri preżenti ġibdu l-attenzjoni li sa żmien xahrejn oħra jaf ikun hemm bdil mis-Sindki u Kunsilliera preżenti. Għal din ir-raġuni, l-Viċi Sindku ta' Swieqi, ipproponiet li l-Kunsill iressaq l-interess tiegħu umbad il-Kunsill li jkun tela bix-xorti jressaq l-isem tal-persuna interessata.

30.8.12 Is-Sa Abela ssuġġeriet ukoll li idealment dawk li kienu telaw fil-passat, mgħandhomx jerġgħu jressqu l-interess tagħhom.

30.8.13 Il-membri preżenti approvaw din l-inizjattiva għandha terġa ssir fejn ser ikunu nominati żewġ Sindki/rappreżentanti mir-Reġjun u Segretarju Eżekuttiv. L-importanti li s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv ma jkunux ġejjin mill-istess Kunsill sabiex ikun hemm bilanċ.

## 30.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.9.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

30.9.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 26A u 26B.

30.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 30.10 Mozzjonijiet

30.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 30.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar tit-Tlieta 23 ta' April 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' April , 2024.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |